MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 869/2000/1

***David John Depasquale***
***vs***
***Gozo Channel Co.Ltd u Kaptan Joseph Cauchi***

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta: illi nhar it-tmitax (18) ta' Dicembru ta' l-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) l-attur kien rieheb fuq il-vapur tal-kumpanija Gozo Channel Co. Ltd, MV Cittadella fuq il-vjagg li jitlaq mill-port ta' l-Imgarr, Ghawdex fis-sitta ta' filghodu (6:00am); illi meta l-vapur trakka mal-moll tac-Cirkewwa, tnizzlet ir-rampa u bdew nezlin il-passigieri fl-art; illi r-rampa tal-vapur tnizzlet ezatt fit-tarf tal-moll bil-konsegwenza illi wara ftit din waqghet ghal isfel, bil-konsegwenza illi kull min kien fuqha baqa' niezel maghha; illi l-attur inserta kien niezel fuq ir-rampa meta din cediet u waqet, u fil-fatt l-attur waqa maghha bil-konsegwenza li garrab griehi ta' natura permanenti fuq il-persuna tieghu; illi ghal dan l-incident jahtu unikament l-konvenuti

minhabba negligenza, traskuragni u imperizja da parti taghhom;  illi ghal dan l-incident l-attur garrab danni konsistenti f'danni eregenti kif ukoll lukri cessant kif jigi pruvat dettaljatament fil-kors tas-smigh ta' din il-kawza; illi l-attur irid li jigi kkumpensat ghal dawn id-danni.

**Talab** li l-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:
1. tiddikjara illi l-incident tat-tmintax (18) ta' Dicembru ta' l-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) fic-Cirkewwa Ghawdex, gara unikament tort u htija tal-konvenuti jew min minnhom.
2. Tiddikjara illi kawza ta'dak l-incident l-attur sofra danni konsistenti f'danni emergenti kif ukoll lukri cessanti;
3. Tillikwida dawk id-danni sofferti jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi;
4. Tikkundanna lil konvenuti sabiex ihallsu dawk id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez kollha inkluza l-VAT, u dawk ta' l-ittra ufficcjali spedita f'April 2000.  Il-konvenuti jinsabu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' Gozo Channel Co.Ltd li permezz taghha eccepiet:
1. illi s-socjeta' konvenuta taqbel pjenament mad-dikjarazzjoni u talba maghmulha mill-attur li ghall-incident kienu jahtu l-atturi jew min minnhom;
2. illi ghall-incident mertu tac-citazzjoni kien jahti l-attur stess li m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-membri tal-ekwipagg tal-vapur MV Cittadella u nizel minn abbord qabel ma kienet nizlet kopletament ir-rampa.
3. Illi konsegwentement ma hemm ebda ammont dovut lill-attur ghar-rigward l-imsemmi incident.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kaptan Joseph Cauchi li permezz taghha eccepixxa: illi hu jaqbel pjenament mad-dikjarazzjoni u talba maghmula mill-attur li ghall-incident kienu jahtu l-atturi jew min minnhom u dana billi l-attur stess li m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-membri tal-ekwipagg tal-vapur MV Cittadella u nizel minn abbord qabel ma kienet nizlet kompletament ir-rampa; illi konsegwentement ma hemm ebda ammont dovut lill-attur ghar-rigward l-imsemmi incident; illi subordinamtament u bla pregudizzju ghas-suespost ghas-sinistru relattiv semmai jirrispondi l-vapur u konsegwentement il-kumpanija konvenuta stante li kull haga li ghamel hu kien fil-kwalita''tieghu ta' kaptan abbord il-vapur; salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti, fuq talba kongunta tal-partijiet, fis-7 ta' Otturbu 2003 li permezz tieghu giet ordnata l-korrezzjoni fis-sens li l-kliem 'Kaptan John Cauchi' jigu sostitwiti bil-kliem 'Kaptan Joseph Cauchi' kull fejn jirrikorri;

Rat li fl-udjenza tat-30 ta' Mejju 2003 il-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

***Kwadru tal-fatti***

Illi mill-kompless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fit-18 ta' Dicembru 1998 ghal habta tas-6.00 pm. waqt li l-attur kien qieghed fuq ir-rampa tal-Vapur MV Citadella dirett lejn il-moll, f' daqqa wahda ir-rampa, li kienet qed isserrah fuq ix-xifer tal-moll, ngibded lura mill-bahar bir-rizultat li diversi persuni, fosthom l-attur, li dak il-hin kienu ghadhom fuq ir-rampa indarbu serjament.

L-attur iddeskriva l-incident hekk: *"Kif wasalt ezatt f' tarf ir-rampa, ir-rampa bdiet miexja lura…..minhabba l-mewg u l-imbatt li kien qed jahbat mal-vapur. Ir-rampa kienet qegheda fit-tarf tal-moll bil-konsegwenza illi kif din iccaqalqet daqsxejn zghira lura sabet il-vojt u r-rampa waqghet ghal isfel ghax il-flaps tghawwgu lura. Jiena kont qieghed fuq ir-rampa qisni wasalt biex naqbad il-flaps u immedjatament jien bqajt niezel ghal-isfel mar-rampa. Jien u niezel ghal-isfel instintivament ippruvajt inzomm mal-hajt tal-moll. Naf illi pero' konna nizlin b' certu sahha kif appena hrigt idi biex inzomm mal-moll apparti li ma zammejtx u bqajt niezel, qlajt spalti".*[1]

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

Illi, kuntrarjament ghal dak li eccepew il-konvenuti mhuwiex minnu li l-attur nizel fuq ir-rampa kontra l-ordnijiet legittimi tal-membri tal-ekwipagg u qabel ma dina kienet nizlet kompletament fuq il-moll. Din l-allegazzjoni mhux talli mhix sostnnuta mill-provi izda anzi hija kontraddetta mill-preponderanza tal-provi. Il-Qorti tosserva li, din l-eccezzjoni fic-cirkostanzi tirrizulta dghajfa u insostenibbli. Il-fatti provati ampjament juru li meta l-attur kien qieghed fuq ir-rampa ser jirfes fuq il-moll, kien hemm diga' grupp ta' nies li kienu nizlu mill-vapur u mxew certu distanza fuq l-art. Hekk, bhala ezempju wiehed, Ruth Sultana fid-deposizzjoni taghha qalet li *"Jien kont minn ta' l-ewwel li nzilt minn fuq il-vapur. Warajja naf li kien hemm ghadd ta' nies. Naf illi David Depasquale dejjem kien ikun minn ta' l-ahhar li jinzel, minhabba d-dizabilita' li ghandu f' saqajh… Waqt li kont niezla jien minn fuq ir-rampa mieghi kien hemm hafna nies …. **Inzilt u bdejt mixja lejn tal-linja u dejjem kont imxejt qisu tul ta' sitt karrozzi**, meta f' daqqa wahda smajt ghajjat u twerziq kbir. Innotajt li waqghet ir-rampa tal-vapur……..Rajt il-David Depasquale li kien ghadhom kif tellghuh. Kien mugugh hafna…"*[2] Din ix-xhieda, flimkien mal-kumplament tax-xhieda li nstemghu, jikkorroboraw u jghatu konfort shih lit-tesi tal-attur li meta huwa kien miexi fuq ir-rampa kien hemm grupp ta' nies li kienu diga nizlu l-art. Inoltre, d-disabilita' li l-attur ghandu f' saqajh pre

---

[1] Fol.24
[2] Fol.71-72

esiztenti l-incident, taghti grad gholi ta' verosimiljanza lix-xhieda tieghu. Di piu', il-Qorti tosserva li ma ngabet ebda xintilla ta' prova, ghajr l-affidavit tal-kaptan, da parti tal-konvenuti direttai biex jissostanzjaw dak li eccepew.

***Responsabbilita'***

Illi ma rrizulta ebda nuqqas da parti tal-attur li b' xi mod seta' kkontribwixxa ghall-incident; u l-provi mressqa jghatu konfort shih lill-versjoni tieghu, u jitfghu r-responsabilita' shiha tal-incident, unikament u esklusivament, fuq il-konvenuti li ghalhekk ghandhom jirrispondu ghad-danni konsegwenzjali kollha sofferti mill-attur. Ir-responsabbilita' tal-Kaptan temani mill-fatt li fil-hin tal-incident l-vapur kien that il-kontroll tieghu, u di fatti, ex admissis fl-affidavit tieghu, kien il-persuna li ta l-ordni biex titnizzel ir-rampa.[3] Ir-responsabbilita' tas-scojeta' konvenuta temani mill-fatt li hija kienet responsabbli ghall-gestjoni tas-servizz.

Danni

*Damnum Emergens*

Illi l-Qorti tosserva li l-attur ma gab ebda prova dwar id-danni emergenti, li seta' sofra, u ghaldaqstant it-talba tieghu f' dan ir-rigward, mhiex sostenibbli

*Lucrum cessans*

*Osservazzjonijiet guridici*

Fatturi relevanti ghal-vertenza in disamina huma l-istat ta' sahha u l-kondizzjoni ta' l-attur kif kienu qabel l-incident, u kif zviluppaw wara l-incident u kagun tal-istess; u jekk l-inkapacita' li sofra hijex ser tkun kagun ta' telf ta' qligh ghalih fil-futur, u f' kaz affermattiv irid jigi stabbilit il quantum ta' dan il-*lucrum cessans*.

Il-ligi ma taghtix indenniz ghall-inkapacita' *ut sic* imma ghal inkapacita' in kwantu din tirrifletti telf ta' qligh – telf patrimonjali. ***[Vol.LXIB.101].*** Dan it-telf ta' qligh ghandu jikkomprendi wkoll il-<u>potenzjal</u> tal-vittma li jaqla' introitu fil-futur. Il-fatt li persuna dizabbilitata tkun qed tahdem wara l-incident, anke jekk qeda taqla' izjed minn qabel, ma

[3] Fol.128

jfissirx li hija ma setghetx issib opportunitajiet ahjar ta' xoghol kieku ma korrietx. Id-dizabilita' necessarjament timplika nuqqas fil-persuna, fil-potenzjal taghha ghax-xoghol, mhux biss mal-employer prezenti izda wkoll ma terzi jew anke jekk tadhem ghal rasha.***[Vol.LXXXII.II.243].*** Konsegwentement il-gurisprudenza lokali stabbiliet li l-kriterju li ghandu jifforma l-bazi tal-multiplier, mhuwiex il-*life expectancy* tad-danneggjat, imma hija l-aspettativa lavorattiva tieghu li llum il-gurnata, hu rikonoxxut, tista', u probabbli tissupera, l-eta' pensjonabbli; minghajr pero' ma jigi injorat il-fattur l-iehor tac-*chances and changes of life* li jimponi certu elasticita' ta' kriterju stante li jirrendi l-pronuncjament tal-Qorti bhala wiehed ta' probabilita'. Kif osservat din il-Qorti diversament presjeduta, ghalkemm fil-likwidazzjoni tal-kumpens il-Qorti ghandha timxi fuq kriterji kemm jista' jkun konkreti u mhux semplicement kongetturali, *"huwa minnu li l-ezercizju tal-likwidazzjoni u ghoti ta' kumpnes jiddependi minn estimi u pronostici li dwarhom hadd ma jista' jkun cert mija fil-mija sewwasew ghaliex wiehed irid jipprova jaqta' x' sejjer jigri jew x' jista' jkun probabbli li jsehh fil-gejjini".*[4]

Izda, rigward il-komputazzjoni tal-*quantum* ta' dan l-aspett tad-danni, jibqa' dejjem validu, fuq livell ta' principju, dak li osservat din il-Qorti diversament presjeduta u cioe' li "din il-materja m'ghandhiex tkun soggetta ghal xi regola rigida, izda ghandha tithalla fid-diskrezzjoni tal-gudikant li jghamel **estimu ekwitativ**, fic-cirkostanzi tal-kaz, avut rigward ghan-natura tal-menomazzjoni fisika jew intelletwali u l-kondizzjoni tal-parti lesa, kriterji imsemmija fil-ligi stess; u jasal ghal ammont xieraq ghall-kaz b' *apprezzament realistiku* li jirrikoncilja z-zewg interessi konfliggenti billi lid-danneggjat jinghata il-kumpens li jisthoqqlu minghajr mad-debitur jigi aggravat izzejjed. L-aqwa kriterju **jibqa' s-sens ta' proporzjon u ta' ekwita' tal-gudikant** fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz"[5]

---

[4] Prim Awla – [JRM] ***Evan Xuereb vs Vincent Spalding*** deciza fl-10 ta' Lulju 2003

[5] .Prim Awla – ***Carmelo Muscat v Francis Schembri et*** per Imhallef M.Caruana Curran – 27.01.72)(emfasi u sottolinear ta' din il-Qorti).

*Osservazzjonijiet fil-meritu*
Illi f' dan il-kaz, l-attur fiz-zmien tal-incident kellu 23 sena, kellu diga' disabilita' f' saqajh, kien jahdem bhala post person ma'Posta Limited u bhala xoghol part time kien fetah u jiggestixxi bar fid-Dwejra.

*Multiplicand*
Fiz-zmien tal-incident u precisament fis-sena 1998 huwa dahhal salarju gross ta' Lm3,295[6]. Rigward ix-xoghol part time, il-Qorti tosserva li, ghalkemm sad-data tal-incident, ma rrizultax li k kien qed jghamel qligh relevanti, xorta wahda il-Qorti ma tistax tinjora t-telf potenzjali li ser isofri anke f' dan ix-xoghol minhabba d-disabilita' permanenti kagjonata fl-incident. Di fatti, skond ix-xhieda ta' l-attur u ta' missieru, wara l-incident, huwa kellu jqabbad nies bi hlas biex jghinuh fil-bar. Asserzjoni verosimili hafna, tenut kont tal-fatt li d-disabilita' li sofra l-attur kienet fi spalltu. Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li f' dan il-kaz il-multiplicand ghandu jizdied bis-somma ta' Lm2,100 rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta' Lm600 biex jikkompensa ghall-varjazzjonijiet fil-pagi, gholi tal-hajja u ziedet fl-inflazzjonijiet in generali, u in kwantu ghall-ammont ta' Lm1,500 biex jkopri l-qligh mix-xoghol part time. Ghalhekk il-multiplicand ghandu jkun ta' **Lm5,395**.

*Disabilita'* - Illi mir-relazzjoni medika tal-Kirurgu Carmel Sciberras, jirrizulta li d-disabilita' permanenti li l-attur sofra fi spalltu konsegwenza tal-incident hija ta' disa fil-mija **[9%].**

*Multiplier* **-** Kif gia fuq espost, fil-kalkolu tal-multiplier wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni, mhux il-*life expectancy* tad-decujus, izda l-hajja lavorativa tieghu, in-natura u s-sahha tieghu – li tista' tvarja minn bniedem ghal bniedem minhahha dawk ic-cirkostanzi li jssejhu *the chances and changes of life.* Wiehed irid jezamina l-*earning capacity* tal-individwu, avut rigward tal-mard kif kontro bilanjat mill-istat ta' sahha tad-disgrazjat.[7]. Illi ghalhekk il-multiplier m' ghandux ikun bazat fuq l-aspettattiva tal-hajja in generali tad-danneggjant, izda fuq

[6] Fol.110
[7] Prim Awla ***Carmela Muscat vs Francis Schembri*** (Ibid).

l-aspettativa lavorativa tieghu u ghandu jiehu in konsiderazzjoni tac-*chances and changes of life*.[8] *"The multiplier is not the product of precise calculation, buyt of estimantion in the light of the facts of the particular case and ot other comparable cases."*[9] Izda l-bazi tal-multiplier ghandu jibqa' l-eta' tad-danneggjat dak in-nhar tal-incident, u mhux fiz-zmien tal-likwidazzjon tad-danni mill-Qorti, ghar-raguni li l-Qorti ghandha tfittex li tqieghed lid-danneggjat kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel l-incident.[10]

Illi fil-kaz in disamina tenut kont tal-fatt li fiz-zmien tal-incident l-attur kellu 23 sena, il-Qorti thoss li f' dan il-kaz ghandha tapplika multiplier ta' **30** sena.

*Lump sum payment reduction* - Ir-*ratio* ta' din ir-riduzzjoni hija l-pagament anticipat tal-kapital. Dan il-bazi legali jibda jiddghajjef progressivament mat-trapass taz-zmien bejn id-data ta' l-incident u d-data tas-sentenza, fis-sens li aktar ma jkun twil dan il-perijodu, aktar tonqos ir-raguni ghal tali deduzzjoni. *"Jekk xejn ghaliex it-trapass taz-zmien ma [ghandux] jmmilita favur il-persuna tenuta responsabbli ghall-incident kontra l-vittma li sofriet d-danni"*[11] Illi f' dan il-kaz, tenut kont tal-fatt li l-incident jirrisali ghal-Dicembru 1998, u tenut ukoll kont tal-fatt li c-citazzjoni giet prezentata f' Mejju 2000, il-Qorti jidhrilha li f' dan il-kaz m' ghandhiex tiddipartixxi mill-persentagg soltu moghti ta' **20%** f' kaz ta' hlas f' pagament wiehed f' salt.

B' applikazzjoni ghall-premess, d-danni konsegwenzjali rapprezentati *lucrum cessans* jammontaw ghas-somma hdax il-elf, sitt mija, tlieta u hamsin lira maltin **[Lm11,653].**

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici billi: Tiddikjara li l-incident li sehh fit-18 ta' Dicembru 1998 fic-Cirkewwa Ghawdex, sehh unikament tort tal-konvenuti;

---

[8] Vide: App.Civ. ***Butler vs Heard*** deciza 22 ta' Dicembru 1967
[9] Peter Cane: *Atiyah's Accidents, Compensation and the Law* – kwotat fil-kawza Xuereb vs Spalding [supra]
[10] Vide ***Evans Xuereb vs Vincent Spalding*** [supra] u kasistika hemm citata.
[11] App.Civ.***Lawrence Caruana vs Anthony Falzon*** deciza 5 ta' Ottubru 2001.

Tiddikjara li rizultat ta’ dan l-istess incident l-attur sofra danni konsistenti f’ lucrum cessans fl-ammont ta’ **elf, sitt mija, tlieta u hamsin lira maltin [Lm11,653];** Tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* bejniethom biex ihallsu lill-attur din is-somma ta’ Lm11,653. Bl-ispejjez kollha kif mitluba, kontra l-konvenuti

Imhallef

***Citazzjoni 869/2000***
***David John Depasquale***
***vs***
***Gozo Channel Co.Ltd u Kaptan John Cauchi***

Illum 25 ta' Awissu 2003,

Il-Qorti,
Peress li l-konvenut indikat fl-okkju tac-citazzjoni bhala "Kaptan John Cauchi" mhuwiex notifikat bl-atti skond il-ligi;

Peress li fuq ir-riferta negattiva datata 24 ta' Mejju 2000 a fol.6 tergo hemm imnizzel *"Kaptan John [sic] Cauchi ma jesistix"* – firmat: Marixxall Andrew Grixti;

Peress li fl-14 ta' Gunju 2000 giet prezentata fl-atti nota tal-eccezzjonijiet *"tal-konvenut Kaptan Joseph [sic]Cauchi"* a fol.15 tal-process u ffirmatat mill-Avukat Dr.Simon Micallef Strafrace;

Peress li ghas-seduti sussegwenti l-Avukat Dr.Simon Micallef Stafrace u Dr.Yana Micallef Stafrace, dehru ghas-socjeta' konvenuta.

Tordna li l-partijiet jirregolaw ruhhhom fid-dawl tal-premess, stante li fin-nuqqas ta' notifika ta' wiehed mill-konvenuti u precisament f' dan il-kaz dak indikat fl-okkju bhala "John Cauchi", u fin-nuqqas tal-kjarifiki mehtiega, il-Qorti ma tistax tghaddi ghas-sententenza.

Tordna komunika ta' dan id-digiret lis-segwenti Avukati: ***Dr.Kevin Mompalao*** u ***Dr.Simon Micallef Strafrace u Dr.Yana Micallef Stafrace***

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------